**246. L-Onor. George Pullicino ppropona:**

Billi l-Gvern qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra nhar il-11 ta' Mejju 2015 l-Avviż Legali 150 tal-2015 li daħħal fis-seħħ Regolamenti tal-2015 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Liċenzjar, Akkreditament u Assikurazzjoni ta' kwalità fl-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla - Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327);

Billi l-Gvern permezz ta' dan l-Avviż Legali qed jipproponi illi qed jitbaxxew l-i*standards* għolja li kellu l-pajjiż sal-lum fl-edukazzjoni u b'mod partikolari fl-edukazzjoni terzjarja;

Billi bħala konsegwenza l-livell ta' edukazzjoni f'pajjiżna ser jagħmel pass lura;

Billi dan it-tibdil ma jħarisx l-interessi tal-istudenti li jridu jistudjaw fil-livell terzjarju u lanqas tal-akkademiċi li jgħallmu f'dan il-qasam;

Billi l-Avviż Legali qiegħed ukoll jibdel l-i*standards* ta' istituzzjonijiet Edukattivi Ogħla li jridu jirreġistraw bħala "Università" f'pajjiżna b'dan illi istituzzjonijiet li sal-lum ma setgħux jiġu rikonoxxuti u reġistrati bħala "Università" issa, bil-livelli ta' *standards* baxxi li qed jiġu stabbiliti, jistgħu jagħmlu dan;

Billi b'dawn l-emendi l-Gvern qiegħed ibigħ l-isem ta' "Università" mingħajr ma jagħti assikurazzjoni li dawn l-istituzzjonijiet edukattivi għallanqas jilħqu l-livell ta' kwalità li pajjiżna għandu sal-lum f'dan il-qasam;

Billi dan il-bdil fl-i*standards* sar mingħajr l-ebda konsultazzjoni pubblika;

Billi b'dan l-Avviż Legali ser jitnaqqsu minn sitta għal erbgħa l-oqsma li fihom Università trid toffri kors ta' Diploma, *Degree* jew *Masters*;

Billi b'dan l-Avviż Legali ser titneħħa għal kollox il-ħtieġa li Università toffri Dottorat għallanqas f'4 oqsma u issa li toffri dottorat f'qasam wieħed biss sar aċċettabbli;

Billi b'dan l-Avviż Legali qed tiddaħħal il-possibilità li istituzzjoni edukattiva tissejjaħ Università anke jekk ma jkollhiex l-i*standards* speċifikati fil-liġi basta l-Kummissjoni appuntata direttament mill-istess Gvern, jidhrilha li dan ikun fl-interess tal-politika nazzjonali;

Billi t-tibdil fl-i*standards* propost ġie impost fuq l-i*stakeholders* ewlenin fis-settur edukattiv ta' pajjiżna mingħajr ebda konsultazzjoni;

Billi hemm oppożizzjoni kbira mill-i*stakeholders* fil-qasam edukattiv għat-tibdil fl-i*standards* proposti fl-Avviż Legali;

Billi huwa evidenti li dan huwa Gvern li għażel li ma jismax minn esperti fis-settur edukattiv u ma tax u ma jridx jagħti widen lil dawk li qed jikkritikaw bil-qawwi dak propost fl-Avviż Legali;

Billi l-Gvern qiegħed ibaxxi dawn l-i*standards* sabiex jakkomonda interessi barranin li jridu jiftħu *pseudo* Università f'Malta bi *standards* ferm aktar baxxi minn dawk li kellna sal-lum;

Billi dan l-aġir tal-Gvern qed jagħmel ħsara kbira lir-reputazzjoni tal-pajjiż li sal-lum huwa meqjus li għandu sistema edukattiva, inkluż dik terzjarja, tal-ogħla *standards* u kwalità;

Billi dan mhuwiex aġir fl-interess nazzjonali u għall-ġid komuni u huwa biss intiż biex jakkomoda lil terzi barranin li minn wara dahar il-poplu l-Gvern diġà ftiehem magħhom;

Billi l-Gvern ma għandu ebda mandat elettorali biex ibaxxi flok jgħolli l-livelli tal-edukazzjoni fil-pajjiż inkluż dik terzjarja;

Billi l-Opożizzjoni ma tista' qatt taqbel li l-Gvern ibagħbas b'dan il-mod l-edukazzjoni ta' ulied il-poplu Malti u għal dawn l-iżbalji jħallsu qares l-istess ulied;

Għaldaqstant, fid-dawl ta' dan kollu, il-Kamra tar-Rappreżentanti tirriżolvi illi:

1) Mir-Regolament 9 (b), tal-Avviż Legali 150 tal-2015 jitneħħew il-kliem "mill-inqas f'erba' oqsma," u jkunu sostitwiti bil-kliem "mill-anqas f'sitt oqsma".

2) Ir-Regolament 9 (c) tal-Avviż Legali 150 għandu jiġi mħassar.

3) Ir-Regolament 9 (d) tal-Avviż Legali 150 għandu jiġu rinumerat bħala 9(c).

4) Ir-Regolament 9 (e) tal-Avviż Legali 150 għandu jitħassar kompletament.

01.06.2015

**Il-mozzjoni m'għaddietx fis-Seduta 294 tat-Tnejn, 20 ta' Lulju 2015.**